MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 107/2014

**Mary PALMIER [ID. Nru. 426926M]**

**Vs**

**Joseph BUTTIGIEG [ID. Nru. 677246M] f'ismu u bhala mandatarju ta' ohtu assenti Rose FARRUGIA;**
**Lucy AGIUS [ID. Nru. 14608L];**
**Salvina SCICLUNA [ID. Nru. 107545M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-20 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' erba' mija u ghoxrin euro [€420] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "rappresentanti arretrati ta' ċens fuq il-fond Solabella, Triq York, Bahar ic-Caghaq mis-sena 2010 ammontanti ghal €420.
>
> Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u bl-interessi mid-data tal-presentata ta' dan l-avviz".

Ra li l-intimati, salv ghal Lucy Agius, ilkoll gew debitament notifikati fit-12 ta' Marzu, 2014 (ara tergo fol. 6).

Ra li l-intimata Lucy Agius ġiet debitament notifikata fis-16 ta' April, 2014 (ara tergo fol. 7).

Ra l-verbal datat 15 ta' Mejju, 2014 fejn l-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi esebixxa kopja tac-cedola numru 547/13 fl-ismijiet Joseph Buttigieg et vs Mary Palmier li giet intavolata fir-registru tal-qorti fl-24 t'April, 2013 (dok pbc1). L-istess Avukat Dr. Borg Costanzi kompla iddikjara li mit-timbru li hemm fuq l-istess faccata jirrizulta li l-ammont depozitat taht l-awtorita' tal-qorti huwa ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) meta effettivament kellha tigi depozitata s-somma ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin ewro (€3,220).

Illi skond ma jirrizulta mill-istess verbal, l-Avukat Dr. Joseph Brincat ghal intimat Joseph Buttigieg f'ismu proprju u f'isem l-assenti Rose Farrugia ddikjara li l-kopja tac-cedola hawn fuq imsemmija hija dik li giet intavolata fil-qorti u inoltre jirrileva li c-*cheque* u l-flus iddepozitahom fizikament l-Avukat Dr. Lauro Fava u li  personalment qatt ma kellu fil-pussess tieghu xi flus indikati fic-cedola. L-istess Avukat Dr. Brincat iddikjara li l-ammont ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420) jirrizulta li huwa dovut u li fuq il-provi dokumentarji esebiti t-Tribunal setgha jghaddi ghas-sentenza.

Ra li Vincent Palmier iddikjara bil-gurament li l-ammont ta' erbgha mija u ghoxrin ewro (€420) mitluba minn ommu f'dawn il-proceduri qatt ma thallsu u li skont ma jirrizulta mic-cedola 547/13 hemm elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) biss il-Qorti.

Ra li l-intimati Lucy Agius u Salvina Scicluna imsejhin tlett darbiet baqghu ma dehrux minkejja li kienu debitament notifikati.

Ra t-talba maghmula mill-Avukat Dr. Peter Borg Costanzi sabiex it-Tribunal jghaddi ghas-sentenza immedjatament in vista ta’ dak dispost fl-artikoli 9 u 13 tal-Kapitolu 380. Dr. Brincat irrimetta ruhhu ghal din it-talba u t-Tribunal laqa’ l-istess.

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tal-prezenti Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta’ €420 rapprezentanti arretrati ta’ ċens fuq il-fond Solabella, Triq York, ġewwa Bahar ic-Caghaq mis-sena 2010.

Ikkunsidra;

2. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-24 ta’ April, 2013 giet depożitata taht l-Awtorita tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, permezz tac-cedola numru 547/13 fl-ismijiet Joseph Buttigieg et vs Mary Palmier, is-somma ta’

elfejn u tmien mitt euro (€2,800) meta fir-rejalta kellha tigi depożitati s-somma ta' tlett elef, mitejn u ghoxrin euro (€3,220). Fil-fatt, mill-kopja tac-cedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens esebita (dok. PBC 1) insibu hekk:

"*Ghaldaqstant l-esponenti in vista tal-fuq premess qieghdin jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taht l-awtorita taghha s-somma kumplessiva ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2800) rappreżentanti fidi ta' ċens kif fuq premess, **flimkien ma' erba mija u ghoxrin ewro (€420) dovuti bhala arretrati ta' ċens mis-sena elfejn u ghaxra (2010)** sabiex tiġi rilaxxata liberament lill-intimat skond il-ligi, wara li jhalli d-debita ricevuta*" (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

3. Ghalhekk hija dovuta, fuq ammissjoni ta' l-istess intimati odjerni, fic-cedola fuq imsemmija, s-somma ulterjuri ta' erba' mija u ghoxrin euro (€420).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimati f'kaz li dawn ma jidhrux quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimati gew debitament notifikati fit-12 ta' Marzu, 2014 (Joseph Buttigieg u Salvina Scicluna) u fis-16 ta' April, 2014 (Lucy Agius) u salv ghal intimat Joseph Buttigieg huma baqghu ma dehrux ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Illi diġà rajna li l-abbli difensur ta' l-intimat Joseph Buttigieg stqarr li l-ammont ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420) jirrizulta li huwa dovut u li fuq il-provi dokumentarji esebiti t-Tribunal setgha jghaddi ghas-sentenza. Hekk sejjer jaghmel it-Tribunal.

9. Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimati in solidum bejniethom.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu in solidum bejniethom lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mija u ghoxrin euro [€420] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------